# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1253/00**

**Numru 41**

**Charmaine Abdilla**

**vs**

**Vincent Xuereb**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attrici sabiex :

1) il-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilisitku illi sehh fit-28 ta' April 2000 gewwa Triq il-Marsa, Marsa bejn il-vettura Mazda 626 bin-numru tar-registrazzjoni IAI-146, misjuqa mill-konvenut u l-vettura Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni HAS-027, misjuqa minn u propjeta' tal-attrici u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici;

2) tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici fis-somma globali ta' mitejn u disghin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm290.75) jew f'dik is-somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma illi tigi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2000, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv. Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux l-elf lira Maltin (Lm1000). Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku;

2) tillikwida id-danni fis-somma ta' Lm290.75,0 u;

3) tikkundana lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm290.75,0 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Gunju 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1253/00 JAB